# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMĦALLEF

## ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

## Seduta ta' nhar-il Erbgħa 7 ta' Ottubru 2015

**App. Nru. 339/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Cilia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Paul Cilia, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 379559M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli matul ix-xahar ta' Diċembru 2012 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet [tal-liġi] li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda, mingħajr il ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel, bl-awtorita` tiegħu innifsu, [lil xi ħadd] jesegwixxi obligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil martu Margaret Cilia fil-pussess ta' ħwejjiġha jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe` ċaħħad lil martu Margaret Cilia mill-aċċess għal ħanut li jinsab 'Cilia Butcher' fi Triq l-Ifran, Naxxar u għal ħanut 'Cilia Corner Butcher' fi Triq Santa Lucia, Naxxar u dan billi biddel is-serratura mingħajr il-kunsens tal-istess martu, u dan bi ksur tal-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Paul Cilia ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta'tmien mitt euro (€800);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Paul Cilia ppreżentat fit-12 ta' Lulju 2013 fejn talab li din il-Qorti, tirrevoka u tħassar **i**s-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "(1) Kif hija redatta l-imputazzjoni li dwarha l-esponent gie misjub hati, qieghed jigi ravvisat ir-**reat kontinwat**. Sew mill-affidavit ta' PC1270 Antoine Zammit, datat is-26 ta' Mejju 2013, kif ukoll fil-kors tas-smiegh tal-kawza, **bl-ebda mod ma gie kontestat** illi s-serratura tal-fondi gestiti mill-esponent giet mibdula **erba' snin ilu**. Tul iz-zmien kollu li segwa, sakemm saret il-kwerela li wasslet ghal din il-kawza, il-kwerelanti mhux talli ma hadet l-ebda pass legalment biex tasserixxi d-drittijiet taghha in bazi ghar-'ragion fattasi' pretiza skond il-kwerela li ressqet, izda lanqas biss tniffset mal-esponent biex titlob li jkollha kopja tac-cwievet.
>
> "L-esponent issottometta quddiem l-ewwel Qorti illi l-**fatt uniku**, b'mod penalment rilevanti, illi seta' ghall-grazzja ta' l-argument jirradika r-reat ta' ragion fattasi kellu jkun ikkunsidrat bhala l-**bdil tas-serratura erba' snin qabel**, u illi ghalhekk tapplika l-**preskrizzjoni**.
>
> "L-imputazzjoni kif dedotta, fis-sens ta' reat kontinwat, hija spropositu legali ghaliex tirrendi l-fatt addebitat lill-esponenti **kif irrizulta skond il-provi** impreskrivibbli.
>
> "(2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, qed isir riferenza fil-meritu ghall-elementi li ghandhom jissussistu biex jigi radikat ir-reat' ta ragion fattasi (artikolu 85 tal-Kodici Kriminali). Fost decizjonijiet ohrajn qed jigi citat il-kaz Pulizija vs Michael Lungaro et (Appell Kriminali, 15 ta' Mejju, 2003), fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali elaborat kif gej l-elementi ta' dan ir-reat:
> (a) Att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;
> (b) Il-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt;
> (c) Il-Koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di braccio privato' dak li jmissu jisr permezz tal-awtorita' pubblika; u
> (d) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara Appelli Kriminali: 'Il-Pulizija vs Carmel Farrugia (17.02.1995), 'Il-Pulizija vs Reno Micallef' (06.06.1995), 'Il-Pulizija vs Mark John Schembri' (18.09.2002) u ohrajn.

> "Diga` gie rilevat illi fil-kaz prezenti rrizulta li l-bdil tas-serratura kien sehh erba' snin qabel giet biex saret il-kwerela relattiva, u li f'dan it-trapass ta' zmien il-kwerelanti ma ghamlet assolutament xejn li seta' jindika illi qeghda toggezzjona ghal dan l-istat ta' fatt. Fil-fehma umli tal-esponent, tali akkwijexxenza b'mod totali da parti tal-kwerelanti tinnewtralizza l-element illi jirrekjedi l-ezekuzzjoni tal-att kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta tal-parti allegatament leza. Tul iz-zmien kollu li ghadda kif inghad, mhux talli ma gie registrat l-ebda indizju ta' opposizzjoni espressa jew prezunta izda rrizulta mix-xhieda tal-istess kwerelanti illi wara li nbidlet is-serratura hija baqghet tmur tiehu l-laham regolarment ghall-familja mill-hanut involut."

**6.** B'referenza għall-ewwel aggravju, jidher illi l-appellant ġie addebitat b'reat kontinwat mill-Pulizija Eżekuttiva peress illi l-appellant, *ex admissis,* biddel is-serratura ta' żewġ fondi, u għalhekk wettaq żewġ azzjonijiet separati u distinti minn xulxin. Dan ma jirrendix, bħalma jsostni l-appellant, il-fatt impreskrivibbli, iżda biss li l-Qorti tingħata d-diskrezzjoni li żżid il-piena minn grad sa żewġ gradi. Stante illi l-piena massima għar-reat ta' *ragion fattasi* hi dik ta' tliet xhur priġunerija, il-piena massima f'każ ta' reat kontinwat tista' titla' sa massimu ta' disa' xhur priġunerija. Il-perijodu preskrittiv jibqa' dak ta' sentejn skond l-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ciononostante, l-ewwel Qorti qalet fis-sentenza tagħha li "ma hemm xejn fl-atti li a bażi tiegħu jista' jingħad li jirriżulta li r-reat addebitat għandu jitqies bħala wieħed kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta". Difatti fid-*decide* tirreferi unikament għall-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar, mela, li l-ewwel Qorti ma qisitx lill-appellant ħati ta' reat kontinwat. Għalhekk, u stante li l-Avukat Ġenerali ma appellax minn dan il-punt, m'hemmx lok li din il-Qorti tqis ulterjorment l-ewwel aggravju ta' l-appellant in kwantu jirritjeni li l-addebitu ta' reat kontinwat huwa spropożitu legali.

**7.** L-appellant, pero`, iqajjem ukoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni peress illi jsostni illi s-serraturi kien biddilhom xi erba' snin qabel ma martu għamlet il-kwerela. Din l-eċċezzjoni tqajmet ukoll quddiem l-ewwel Qorti li ddisponiet minnha kif ġej:

> "Il-Qorti qieset x'qalu ż-żewġ protagonisti. L-imputat qed jgħid li bidel is-sellaturi erba' snin ilu; martu qed tgħid li hija ndunat b'dan il-bdil ftit qabel il-Milied (tas-sena 2012) u għalkemm ma tiftakarx eżatt meta kienet l-aħħar darba li aċċediet għall-ħwienet in kwistjoni, tistqarr li żgur mhux xhur kbar qabel ma ndunat bil-bdil. Fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-komportament tal-partijiet fuq il-pedana, din il-Qorti hi inklinata li temmen il-verżjoni ta' Margaret Cilia. U anki kieku seħħ dak li qed jgħid l-imputat li huwa bidel is-sellaturi erba' snin ilu, il-fatt li sal-Milied 2012 ir-'reat' kien għadu mhux magħruf, ifisser legalment illi l-'ħati' ma kienx magħruf ukoll u konsegwentement f'dan ix-xenarju jiskatta d-dispost ta' l-artikolu 692 tal-Kap. 9. Għalhekk, bl-akbar rispett lejn id-difiża, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qed tiġi respinta."

**8.** Din il-Qorti tgħid fl-ewwel lok li ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ta' l-artikolu 692 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tiegħu dwar il-Proċedura Kriminali, meta qiegħed jddiskuti il-kawżi ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 691(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1], jgħid:

> **"Besides these two cases our law knows no other cause of suspension of the prescription of the criminal action. It does not, for instance, recognise as such a cause any impediment of fact as, e.g. the illness or insanity of the accused, or the fact that the offender has absconded or is away from these Islands; or that the commission of the offence is not noticed for some time.**
>
> **"It is only, as we have said, when it is not known who the offender is – though the offence is known to have been committed – that in the case of crimes our law provides that prescription shall not run"** (sottolinear ta' din il-Qorti).[2]

**9.** Konsegwentement ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li ġaladarba r-'reat' kien għadu mhux magħruf, ifisser legalment illi l-'ħati' ma kienx magħruf.

**10.** L-ewwel Qorti, pero`, qalet ukoll illi hija kienet inklinata li temmen il-verżjoni tal-kwerelanti Margaret Cilia li qalet li ma kinitx tiftakar eżatt meta kienet l-aħħar darba li aċċediet għall-ħwienet in kwistjoni, iżda żgur mhux xhur kbar qabel ma ndunat bil-bdil taċ-ċwievet. Issa, quddiem din il-Qorti Margaret Cilia xehdet illi m'għandhiex ideja meta l-appellant żewġha biddel iċ-ċwievet. L-appellant ma xehedx, iżda hemm prova (ammissibbli) fl-affidavit ta' P.S. 1270 Antoine Zammit konsistenti fid-dikjarazzjoni li huwa għamel lill-Pulizija li kien biddel iċ-ċwievet "xi erba' snin ilu". Din hija l-unika prova konkreta li għandha din il-Qorti. Issa, kif diġa` ngħad (*supra* para. 6), il-perijodu preskrittiv għar-reat addebitat lill-appellant huwa ta' sentejn skond il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda minn meta jibda jiddekorri?

**11.** Vincenzo Manzini jghid[3] dwar ir-reat ta' *ragion fattasi*:

> **"E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il**

[1] Kodiċi Kriminali art. 691(2): "Jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla ħlief wara awtorizzazzjoni speċjali **jew** wara d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha, il-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu minn dak in-nhar li fih tingħata l-awtorizazzjoni jew li tinqatal-kwistjoni" (enfazi ta' din il-Qorti).

[2] Kodiċi Kriminali art. 692: "Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf."

[3] Vincenzo Manzini, **Trattato di Diritto Penale Italiano**, Vol. V, Torino 1950, p. 996.

**reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato."**

**12.** Il-każ in eżami jirrigwarda żewġ atti ta' kommissjoni konsistenti fil-bdil ta' serraturi ta' żewġt iħwienet. Il-fatt tal-bdil tas-serraturi kellu effett permanenti, iżda dan xorta jrid jitqies bħala reat istantaneju. B'hekk il-preskrizzjoni beda jiddekorri mill-jum tal-konsumazzjoni, cioe` mill-jum meta ġew kommessi l-atti ta' l-appellant li jbiddel is-serraturi tal-ħwienet. Stante li, kif ingħad, l-unika prova konkreta li għandha din il-Qorti dwar meta seħħ tali bdil huwa dak li stqarr l-appellant lill-Pulizija, huwa evidenti illi bejn dak iż-żmien imsemmi minnu u l-jum meta ġie notifikat biċ-ċitazzjoni għaddew aktar minn sentejn. Konsegwentement l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellant hi preskritta.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiddikjara l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-appellant preskritta a tenur ta' l-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.